MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA
Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Luqa Road, Qormi QRM 9075, Malta

# Linji Gwida għall-Implimentazzjoni tajba tal-Pagamenti Diretti

# Politika Agrikola Komuni (PAK) 2014-2020

**Verżjoni Nru 1**

**07.08.2018**

**L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)**

**L-Għammieri,**

**Luqa Road,**

**Qormi (Malta)**

**t:** +356 2292 6148 **f:** +356 2292 6161 **e:** arpa.mesdc@gov.mt **w:** www.arpa.gov.mt

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

## Werrej

1. Introduzzjoni ........ 2
2. Regolamenti Applikabbli ........ 3
3. Għajnuna dwar l-Iskemi tal-Pagament Dirett ........ 4
3.1. Skema ta' Pagament Bażiku ........ 4
3.2. Pagament għal prattiċi agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent ........ 5
3.3. Skema għall-bdiewa żgħażagħ ........ 6
3.4. Skema għall-bdiewa żgħar ........ 6
3.5. Appoġġ Akkoppjat Volontarju ........ 7
**3.5.1. Miżura għas-Settur tal-Ħalib** ........ 7
**3.5.2. Miżura għas-Settur taċ-Ċanga** ........ 8
**3.5.3. Miżura għas-Settur tan-Nagħaġ** ........ 10
**3.5.4. Miżura għas-Settur tat-Tadam għall-Iproċessar** ........ 11
3.5.5. Intitolament tal-Appoġġ Akkopjat ........ 12
4. Obbligi mandatorji marbuta mal-eleġibilita ........ 12
5. Bdiewa attivi ........ 12
6. Erja li mhijiex eleġibbli għal għajnuna ........ 13
7. Intitolament marbut mal-art ........ 13
8. Sottomissjoni ta' talbiet sabiex isir trasferiment tal-intitolament tal-ħlas ........ 13
9. Talbiet għall-ħlas ........ 14
10. Mistoqsijiet komuni u risposti ........ 14
11. Aktar informazzjoni ........ 19

# 1. Introduzzjoni

L-għan ta' dan il-manwal huwa li jiddefinixxi l-implimentazzjoni tal-Għajnuniet Diretti. Il-proċeduri elenkati f'dan il-Manwal huma konformi mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 1307/2013 flimkien mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 1306/2013 u r-regolamenti delegati u implimentattivi rispettivi tagħhom (UE) Nri. 639/2014, 641/2014, 640/2014, 809/2014, 907/2014, 908/2014.

Dan il-manwal jista' jiġi rivedut u aġġornat kontinwament sabiex jikkonforma bis-sħiħ mar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea (UE) u gwida rilevanti maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea.

Dan huwa biss dokument ta' gwida għall-applikanti, bl-ebda mod dan id-dokument ma jeżenta applikant jew benefiċjarju milli jkun konformi mar-regolamenti kollha tal-Unjoni Ewropea f'dan ir-rigward.

## 2. Regolamenti Applikabbli

REGOLAMENT (UE) Nru 1307/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament talKunsill (KE) Nru 73/2009

REGOLAMENT (UE) Nru 1306/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008

REGOLAMENT TA’ DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta’ Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta’ appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta’ dak ir-Regolament

REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 641/2014 tas-16 ta’ Ġunju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta’ appoġġ fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni

REGOLAMENT TA’ DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta’ Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta’ amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta’ pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità

REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta’ amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità

REGOLAMENT TA’ DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta’ Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro

REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta’ Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta’ kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza

# 3. Għajnuna dwar l-Iskemi tal-Pagament Dirett

Bħala parti mill-aħħar riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), żdiedu skemi ġodda taħt il-Pagamenti Diretti u ġew maħduma miżuri indirizzati għall-bdiewa attivi.

Malta qed timplimenta għażla minn dawn l-iskemi sabiex bihom tgħin lill-bdiewa jibbenefikaw mill-Pagamenti Diretti.

Dawn l-iskemi huma:

- Skema ta' pagament bażiku
- Pagament għal prattiċi agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent
- Pagament għall-bdiewa żgħażagħ
- Appoġġ akkoppjat volontarju
- Skema għall-bdiewa żgħar

## 3.1. Skema ta' Pagament Bażiku

Din hija skema li titħaddem abbażi ta' sistema' ta' intitolamenti allokati lill-bdiewa fl-ewwel sena li ġiet applikata l-iskema u li trid tiġi attivata kull sena mill-bdiewa billi jissottomettu talbiet għall-ħlas.

Rekwiżiti mandatorji sabiex tikkwalifika għall-intitolament għal pagament

Bdiewa li applikaw jew ser japplikaw sabiex jirċievu intitolament għal pagament taħt l-iskema ta' pagament bażiku għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti bażiċi u mandatorji li ġejjin:

- Il-lok li fuqu ssir it-talba għall-ħlas jrid ikun f'Malta jew Għawdex
- L-għelieqi li fuqhom issir it-talba għall-ħlas jridu jkunu rikonoxxuti bħala art agrikola utilizzata u rreġistrati fl-LPIS (*Land Parcel Identification System)*
- Kull applikant irid ikun irreġistrat fir-Reġistru tal-Bdiewa li fih ikun hemm indikat liema għelieqi qed jaħdem
- L-applikanti jridu jkunu konformi mal-kundizzjonijiet agrikoli mandatorji u stabbiliti, u jridu jipprovdu d-dokumenti rilevanti għall-ħidma tagħhom
- L-applikant irid ikun il-persuna li taħdem dik l-art partikolari
- Irid minn tal-anqas ikun jaħdem 0.3ha ta' art eleġibbli

Ir-rata ta' pagament taħt din l-skema għall-2018 hija ta' €78.40 għal kull ettaru ta' art eleġibbli (kundizzjonijiet japplikaw)

## 3.2. Pagament għal prattiċi agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent

Dan huwa element ġdid introdott taħt il-pagament diretti. L-obbligi ta' din is-sena huma obbligatorji għal dawk il-bdiewa li jaqgħu fl-ambitu ta' din l-iskema. Bdiewa li ma jirrispettawx dawn l-obbligi huma suġġetti għal penali. Dawk il-bdiewa li huma eżentati mill-obbligi ta' din l-skema ikunu xorta eleġibbli għall-ħlas.

Ir-rata ta' pagament taħt din l-skema tvarja skont l-ammont ta' art intitolata, eleġibbli u ddikjarata fit-talbiet għall-ħlas li jsiru kull sena.

Din l-iskema tikkonsisti fi 3 sotto-skemi li huma kif ġej:

- Diversifikazzjoni tal- uċuħ tar-raba'

- Mergħa permanenti (Mhux applikabbli għal Malta)

- Erjas ta' fokus ekoloġiku

### 3.2.1. Diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba'

Bdiewa li għandhom iżjed minn 10 ettari (kważi 89 tomna) ta' art eleġibbli huma obbligati li jkabbru/jikkultivaw minn tal-anqas 2 prodotti fl-art eleġibbli. Il-prodott ewlieni m'għandux jeċċedi il-75% tat-total tal-erja eleġibbli. Bdiewa li għandhom aktar minn 30 ettaru ta' art agrikola huma obbligati li jikkultivaw minn tal-anqas 3 prodotti fl-erja eleġibbli. Il-prodott ewlieni m'għandux jeċċedi il-75% tat-total tal-erja eleġibbli filwaqt li l-prodott ewlieni flimkien mal-prodott sekondarju m'għandhomx jeċċedu il-95% tat-total tal-erja eleġibbli.

Eżenzjonijiet

Bdiewa huma eżentati mill-obligazzjonijiet milli josservaw dawn l-obbligi jekk :

- Għandhom anqas minn 10 ettari ta' art agrikola
- Jikkultivaw aktar minn 75% tal-art agrikola b'magħlef
- Għandhom aktar minn 75% tal-art agrikola bħala art mistrieħa

Il-bdiewa huma obbligati li jinfurmaw lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) bil-prodotti li jkunu se jikkultivaw matul il-perjodu tat-talbiet għall-ħlas. Il-bdiewa għandhom ikollhom dawn il-prodotti mkabbrin fl-għelieqi tagħhom matul Frar u April.

Il-prodott tax-xitwa u l-prodott tar-rebbiegħa jridu jkunu differenti minn xulxin anke jekk dawn ikunu tal-istess ġeneru.

### 3.2.2. Erja b'fokus ekoloġiku

Bdiewa li għandhom aktar minn 15-il ettaru ta' art agrikola (kważi 134 tomna) huma obbligati li jieħdu ħsieb 5% tal-erja ta' fokus ekoloġiku. Il-bidwi jrid jiddikjara liema huma dawn il-postijiet fil-formola tat-talba tal-ħlas.

Malta għażlet dawn il-karatteristiċi eleġibbli:

- Raba' mistrieħa
- Kultivazzjoni ta' prodotti/pjanti li jiffissaw in-nitroġenu

Il-prodotti ewlenin li huma eleġibbli taħt l-erja b'fokus ekoloġiku huma :

- Silla
- Ful (*Vicia faba, Phalseolus spp.*)
- Pizelli (*Pisum spp.*)
- Ċiċri (*Cicer spp.*)
- Ġulbiena (*Vicia spp.*)
- Fażola (*Vigna spp.*)

## 3.3. Skema għall-bdiewa żgħażagħ

Bdiewa li jkollom inqas minn 40 sena sal-15 ta' Mejju ta' kull sena jistgħu jiġu meqjusa bħala eleġibbli għall-iskema ta' bdiewa żgħażagħ. L-għajnuna hija għall-ewwel 5 snin minn meta l-bidwi beda jieħu ħsieb l-għalqa. Bdiewa żgħażagħ li jkunu diġà bdew l-attività/ħidma agrikola (jaħdmu l-għalqa/għelieqi) fis-snin preċedenti jitħalsu biss għas-snin li jkun baqa' sal-5 sena minn meta bdew l-implimentazzjoni tal-attività agrikola.

Eżempju: meta bidwi żgħażugħ ikun beda l-attività agrikola fl-2013 il-bidwi jitħallas mis-sena 2015 (li tkun it-tielet sena) sal-2017 (li hija l-ħames sena).

Meta l-bidwi jkun jaħdem fi ħdan kumpanija dak il-bidwi irid jipprova li hu responsabbli mill-kontroll tat-tmexxija tal-kumpanija. Il-bidwi jridjuri li hu għandu aktar minn 50% tal-isħma tal-kumpanija u li huwa wkoll wieħed mid-diretturi. Il-bidwi żgħażugħ għandu jippreżenta kopja tal-istatut tal-kumpanija lill-ARPA bħala evidenza/prova li huwa qed imexxi l-kumpanija.

## 3.4. Skema għall-bdiewa żgħar

L-iskema għall-bdiewa żgħar hija skema simplifikata maħsuba għall-bdiewa. F'din l-skema l-bdiewa jistgħu jirċievu ħlas sa massimu ta' €1,250. Il-bidwi mhux mitlub li japplika għal skemi oħra peress li l-iskema għall-bdiewa żgħar tintegra l-iskemi kollha.

Fl-2015 dawk il-bdiewa li kienu intitolati għal pagament ta' anqas minn €1,250 ġew kkunsidrati bħala parti mill-iskema awtomatikament. Bdiewa li jiddeċiedu joħorġu minn din l-iskema ma jistgħux jerġgħu jissieħbu lura ġo din l-iskema.

Dawk il-bdiewa li juru x-xewqa li joħorġu minn din l-iskema iridu sal-15 ta' Mejju ta' dik is-sena jissottomettu dikjarazzjoni lill-ARPA fejn qed jagħmlu din it-talba. Jekk il-bidwi jissottometti r-rikjesta wara l-15 ta' Mejju din tkun ipproċessata għas-sena ta' wara.

## 3.5. Appoġġ Akkoppjat Volontarju

Din hija għajnuna diretta relatata mal-produzzjoni, li l-Istati Membri jistgħu jagħtu lil setturi speċifiċi, kemm agrikoli kif ukoll fit-trobbija tal-bhejjem, li huma importanti għal raġunijiet soċjo-ekonomiċi u ambjentali u setturi li jaffaċċjaw ċertu diffikultajiet.

Din l-iskema f'Malta tinkludi 4 setturi :

- Tal-Ħalib
- Taċ-Ċanga
- Tan-Nagħaġ
- Tadam għall-ipproċessar

### 3.5.1. Miżura għas-Settur tal-Ħalib

L- għajnuna mogħtija għal kull baqra hija ta' mhux anqas minn €244.29

Kull raħħal interessat li jirċievi dan il-ħlas huwa mitlub li jissottometti talba għall-ħlas waqt il-perjodu li jkunu qed jintlaqgħu it-talbiet għal pagamenti diretti.

Ir-raħħala jkunu mitluba jissottomettu kopja tal-ftehim/kuntratt li għandhom mal-proċessur/i tal-ħalib flimkien mat-talba tal-ħlas .

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) talloka pagament stabbilit lil kull raħħal eleġibbli li jkun skont l-ammont ta' baqar li jkunu qed jieħdu l-għajnuna fuqhom

Il-produtturi sabiex jikkwalifikaw għal din l-għajnuna jridu jkunu daħlu fi ftehim jew kuntratt ma' proċessur/i lokali tal-ħalib.

In-numru ta' baqar eleġibbli jigi determinat billi jiġi diviż l-ammont ta' ħalib f'kulogrammi ikkuntrattat mal-proċessur bir-rata stabbilita ta 10 Tunellati ta' ħalib għal kull baqra.

Rekwiżiti/ X'għandek bżonn biex tirċievi pagament:

Ir-raħħala jkunu mitluba jissottomettu talba għall-ħlas kull sena u jattivaw l-għajnuna massima tal-intitolament tal-ħalib billi jkollom il-baqar tal-ħalib irreġistrati fir-Reġistru Nazzjonali tal-Bhejjem (NLD). In-numru ta' baqar tal-ħalib ikunu awtomatikament estratti mir-Reġistru Nazzjonali tal-Bhejjem

(NLD) u jkunu trasferiti ġot-talbiet tal-ħlas fl-IACS (Sistema Elettronika mħaddma mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali).

Biex ikunu eleġibbli għall-ħlas, il-baqar tal-ħalib jridu jinżammu mill-applikant mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, u iridu jiġu’ rispettati r-regolamenti relatati mal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bejjem qabel u waqt dan il-perjodu. Fost l-obbligi prinċipali, wieħed irid jiżgura li jinżamm ir-reġistru tal-bhejjem aġġornat; u jiġu rrapportati lid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) il-movimenti kollha lejn u mir-razzett, u t-twelid u l-imwiet kollha tal-bhejjem fuq ir-razzett, flimkien mad-dati ta’ dawn l-avvenimenti, fi żmien sebat’ijiem mid-data tal-avveniment.

Kull raħħal għandu jkollu produzzjoni ta’ ħalib mhux anqas minn 75% tal-ammont fil-kuntratt. Jekk il-produzzjoni ma tintlaħaqx il-pagament jiġi mnaqqas bi sħiħ.

Il-pagament ikun ibbażat fuq l-anqas numru ta’ baqar ekwivalenti għall-għajnuna massima attivata u n-numru ta’ baqar tal-ħalib li jkunu jittrabbew fuq ir-razzett.

Sabiex raħħal jirċievi intitolamenti ġodda jrid jissottometti talba għall-għajnuna fil-perjodu stabbilit mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali.

Tiġi mogħtija prijorità lil:

- Raħħala zgħazagħ
- Raħħala ġodda
- Raħħala li jkollhom l-għola ammonti ta’ produzzjoni fil-kuntratt
- Raħħala li jkunu qed jibbenefikaw minn skema ta’ għajnuna ta’ investiment għat-titjib tar-razzett tagħhom
- Raħħala li jkunu membri ta’ grupp ta’ produtturi rikonoxxut legalment, organizzazzjoni tal-produtturi, koperattivi formali tal-produtturi jew assoċjazzjoni tal-bdiewa li r-raħħal irid ikun ilu membru fiha mhux anqas minn sena.

Sabiex ma jkunx hemm telf ta’ fondi, kwalunkwe fondi mhux minfuqa minn din l-iskema jintużaw biex jiżdied il-valur tal-l-għajnuna taħt din il-miżura. Madankollu, iż-żieda tvarja minn sena għal sena u m'għandhiex titqies bħala żieda fissa tal-valur ta’ l-għajunua li ġie stabbilit fl-ewwel sena tal-allokazzjoni.

### 3.5.2. Miżura għas-Settur taċ-Ċanga

L-għajnuna mogħtija għal kull bhima taċ-ċanga hija ta’ mhux anqas minn €195.

Ir-raħħala ta’ dan is-settur għandhom jesprimu interess li jirċievu appoġġ akkoppjat. Din l-espressjoni ta’ interess għandha tkun sottomessa matul il-perjodu li matulu jkunu qed jintlaqgħu t-talbiet għall-ħlas għall-iskemi tal-pagament diretti.

L-ARPA talloka intitolament għas-settur taċ-ċanga lil kull raħħal eleġibbli fuq il-potenzjal tal-produzzjoni ta' dik is-sena partikolari. Dan ikun ibbażat fuq l-ammont ta' bhejjem taċ-ċanga eleġibbli li ġew maqtula bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru.

Kriterji sabiex tirċievi l-intitolament tas-settur taċ-ċanga:

Ir-raħħal irid ikun qatel minn tal-anqas 3 irjus li jkunu mħallta ma' razza taċ-ċanga u li jkollhom bejn 8 u 20 xahar.

Sad-data tal-qatla l-bhima trid tkun rreġistrata għal perjodu ta' mhux anqas minn 6 xhur fuq dak l-applikant. Dan sabiex ikun żgurat li din il-bhima kienet imrobbija u miżmuma mir-raħħal li qed jirċievi l-għajnuna.

X'għandu bżonn raħħal sabiex jirċievi l-pagament

- Kull raħħal hu mitlub li jissottometti talba għall-ħlas kull sena u jattiva/jikkonferma l-intitolamenti taċ-ċanga. Ir-raħħal mhux mitlub li jiddikjara l-ammont ta' bhejjem eleġibbli li jkunu għall-qatla sabiex jirċievi l-għajnuna
- Ir-raħħal irid joqtol il-bhejjem sabiex jiċċertifika li dawk il-bhejjem kienu mrobbija għas-simna taċ-ċanga
- L-ARPA toħroġ il-pagament fuq l-anqas ammont bejn l-intitolament attivat/ikkonfermat u n-numru attwali ta' bhejjem taċ-ċanga eleġibbli li jkunu ġew maqtula l-biċċerija
- Iridu jiġu' rispettati r-regolamenti relatati mal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bejjem
- Jekk ir-raħħal joqtol aktar bhejjem mill-intitolament taċ-ċanga dan ma jfissirx li ser jirċievi għajnuna/pagamenti żejda

Kull raħħal għandu jissottometti talba għal intitolamenti ġodda f'perjodu stabbilit mill-ARPA.

Kriterji sabiex ikun allokat l-intitolament taċ-ċanga

- Raħħala fis-settur taċ-ċanga jridu jkunu qatlu minn tal-anqas 3 għoġġiela fis-sena tat-talba tal-ħlas. Dawn irid ikollhom bejn 8-20 xahar
- Sad-data tal-qatla l-bhima trid tkun irreġistrata għal perjodu ta' mhux anqas minn 6 xhur fuq l-istess applikant. Din hija meħtieġa bħala evidenza li l-bhima kienet imsemmna mir-raħħal applikant

Tiġi mogħtija prijorita lil:

- Raħħala żgħażagħ
- Raħħala ġodda
- Raħħala li jkunu qatlu l-akbar ammont ta' annimali fis-sena ta' qabel
- Raħħala li jkunu qed jibbenefikaw minn skema ta' għajnuna ta' investiment għat-titjib tar-razzett tagħhom

- Raħħala li jkunu membri ta’ grupp ta’ produtturi rikonoxxut legalment, organizzazzjoni tal-produtturi, koperattiva formali tal-produtturi jew assoċjazzjoni tal-bdiewa li r-raħħal irid ikun ilu membru fiha għal perjodu ta’ mhux anqas minn sena

Sabiex ma jkunx hemm telf ta’ fondi, kwalunkwe fondi mhux minfuqa taħt din l-iskema jintużaw biex jiżdied il-valur tal-għajnuna taħt din il-miżura. Madankollu, iż-żieda tvarja minn sena għal sena u m'għandhiex titqies bħala żieda fissa tal-valur tal-għajunua li ġie stabbilit fl-ewwel sena tal-allokazzjoni.

### 3.5.3. Miżura għas-Settur tan-Nagħaġ

L- għajnuna mogħtija għal kull nagħġa hija ta’ mhux anqas minn €15.14.

Ir-raħħala ta’ dan is-settur għandhom jesprimu interess li jirċievu appoġġ akkoppjat. Din l-espressjoni ta’ interess għandha tkun sottomessa matul il-perjodu li matulu jkunu qed jintlaqgħu t-talbiet għall-ħlas għall-iskemi tal-pagament diretti.

Kriterji sabiex tirċievi l-intitolament

- Ir-raħħal irid minn tal-anqas ikollu 20 nagħġa li jrid ikollhom sena (jew aktar) sad-9 ta’ Ġunju.
- In-nagħaġ iridu jkunu rreġistrati u ilhom jitrabbew fuq ir-razzett għal perjodu ta’ mhux anqas minn 6 xhur. Dan hu meħtieġ sabiex ikun aċċertat li dawk in-nagħaġ huma mrobbija mir-raħħal applikant.

Rekwiżiti sabiex raħħal jirċievi l-pagament:

Ir-raħħala huma mitluba li jissottomettu talba għall-ħlas kull sena u jattivaw l-intitolament billi jkollhom in-nagħaġ irreġistrati fir-Reġistru Nazzjonali tal-Bhejjem (NLD). In-numru ta’ nagħaġ ikun meħud mill-NLD u trasferit għal fuq t-talba tal-ħlas fis-sistema tal-IACS.

Sabiex ikunu eleġibbli għall-pagament, in- nagħaġ iridu jkunu mrobbija u rreġistrati fuq ir-razzett u jidhru matul is-sena kollha fl-NLD.

Il-ħlas isir fuq l-anqas numru ta’ nagħaġ ekwivalenti għall-intitolament tan-nagħaġ attivat u n-numru attwali ta’ nagħaġ eleġibbli.

In-numru ta’ nagħaġ fuq ir-razzett ikun determinat mill-NLD u jkun ivverifikat minn spezzjonijiet li jsiru fuq il-post skont il-provedimenti tar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Importanti li jiġu’ rispettati r-regolamenti relatati mal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bejjem.

Sabiex jirċievu intitolament tan-nagħaġ mir-riżerva, ir-raħħala jridu jissottomettu rikjesta għal intitolament ġdid f’perjodu stabbilit mill-ARPA. Il-kriterju sabiex ikunu allokati intitolamenti mir-riżerva jinvolvi li r-raħħal irid ikun fl-industrija tat-trobbija tan-nagħaġ u jrid ikollu minn tal-anqas 20 nagħġa eleġibbli sad-data tal-għeluq tat-talba tal-ħlas.

Tingħata preferenza lil:

- Dawk ir-raħħala li jkunu żgħar fl-età
- Raħħala ġodda
- Raħħala bl-akbar ammont ta' nagħaġ
- Raħħala li jkunu qed jibbenefikaw minn skema ta' investiment għal titjib fuq ir-razzett tagħhom
- Raħħala li jkunu membri ta' grupp ta' produtturi rikonoxxut legalment, organizzazzjoni tal-produtturi, kooperativa ta' produtturi li tkun formali, jew assoċjazzjoni ta' bdiewa li fiha r-raħħal irid ikun rikonoxxut bħala membru għal mhux anqas minn sena

Sabiex ma jkunx hemm telf ta' fondi, kwalunkwe fondi mhux minfuqa taħt din l-iskema jintużaw biex jiżdied il-valur tal-għajnuna taħt din il-miżura. Madankollu, iż-żieda tvarja minn sena għal sena u m'għandhiex titqies bħala żieda fissa tal-valur tal-għajunua li ġie stabbilit fl-ewwel sena tal-allokazzjoni.

### 3.5.4. Miżura għas-Settur tat-Tadam għall-Iproċessar

L- għajnuna mogħtija għal kull ettaru eleġibbli hija ta' mhux anqas minn €6503.88.

Bdiewa interessati huma mitluba li jissottomettu espressjoni ta' interess li jirċievu intitolament marbut mas-settur tat-tadam. L-espressjoni ta' interess trid tkun sottomessa matul t-talbiet tal-ħlas tal-isemi tal-pagamenti diretti.

Il-bdiewa interessati ikunu mitluba li flimkien mat-talba tal-ħlas għandhom jagħtu kopja ta' ftehim li jkollhom ma' organizzazzjoni tal-produtturi jew koperattiva li għandhom ftehim ma' wieħed jew aktar proċessuri.

Kull sena l-ARPA talloka lil kull bidwi eleġibbli l-ammont ekwivalenti tal-erja għall-għajnuna. Il-bidwi hu obbligat li jiddikjara l-erja ekwivalenti li hija jkun qed ikabbar it-tadam sabiex jirċievi l-għajnuna finanzjarja.

Kriterji ta' eleġġibbiltà

- Bdiewa fis-settur tat-tadam għall-ipproċessar iridu jkunu daħlu f'kuntratt jew ftehim ma' organizazzjoni jew koperativa involuta fis-settur tat-tadam għall-ipproċessar sal-15 ta' Mejju.

Rekwiżiti sabiex bidwi jirċievi l-pagament:

Il-bidwi huwa mitlub li jissottometti talba għall-ħlas kull sena u jattiva l-intitolament. Il-bidwi huwa wkoll mitlub li jiddikjara l-għelieqi li se jkun qed ikabbar fihom it-tadam.

Kull bidwi jrid attwalment ikabbar it-tadam f'dawk l-għelieqi kif iddikjarat.

Il-bidwi jrid ikollu produzzjoni ta' mhux anqas minn 50% tal-ammont tat-tadam ikkuntrattat.

Il-ħlasijiet isiru fuq l-anqas ammont ta' ettari eleġibbli għall-għajnuna u l-erja kkultivata bit-tadam.

### 3.5.5. Intitolament tal-Appoġġ Akkopjat

L-intitolament jista' jintuża mis-Setturi tal-Ħalib, taċ-Ċanga jew tan-Nagħaġ. Għas-settur tat-tadam l-intitolament ikun stabbilit kull sena u jiddependi mill-kuntratt rispettiv.

Il-bdiewa jitħallew/jistgħu jittrasferixxu parti jew l-intitolament kollu lil xi bidwi ieħor li għadu jaħdem. Tali trasferiment għandu jsir mill-ARPA, li għandha d-dritt li taċċetta jew tirrifjuta dan it-trasferiment.

## 4. Obbligi mandatorji marbuta mal-eleġibilita

Sabiex jiġi attivat intitolament għal pagament kull bidwi jrid ikun eleġibbli għall-ħlas b'intitolament għall-għajnuna fuq l-art billi:

- jiddikjaraw minn tal-anqas 0.3 ettaru ta' art u intitolamenti biżejjed sabiex ilaħħqu mal-ammont minimu ta' erja meħtieġ taħt l-iskema ta' pagament bażiku.
- Fil-każ tal-miżura tal-Appoġġ Akkoppjat Volontarju l-applikant jrid ikun intitolat għall-ħlas ta' mhux anqas minn €100.

## 5. Bdiewa attivi

Il-bdiewa kollha li jkunu ssottomettew talbiet tal-ħlas taħt l-isekmi tal-pagamenti diretti jridu jkunu bdiewa attivi. L-applikanti involuti f'wieħed jew aktar mill-postijiet kif stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ma jitqisux bħala bdiewa attivi. Dawn l-postijiet jinkludu ajruporti, stazzjonijiet tal-ferrovija, xogħlijiet tal-ilma, servizzi ta' proprjetà immobbli, artijiet li jintużaw b'mod permanenti għall-isport u attivitajiet rikrejattivi. Dawn l-entitajiet jew individwi għandhom dritt li jikkontestaw din id-deċiżjoni. Applikanti b'pagament ta' anqas minn €250 kull sena jitqiesu eżenti minn din il-proċedura u huma eleġibbli għall-ħlas.

Importanti: Kull bidwi jrid ikun irreġistrat ukoll fir-Reġistru tan-Nitrati.

Biex jinhargu pagamenti, il-bdiewa jridu jwettqu mill-anqas attività annwali waħda u jzommu l-art, id-dwieli jew is-siġar fi stat ta' kultivazzjoni/manteniment tajjeb. Art agrikola trid tkun fi produzzjoni, jew maħsuda, jew maħruta u mnaddfa fil-perjodu bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Mejju ta' kull sena. Fil każ ta' dwieli jew siġar, dawn iridu jinżammu f'kundizzjoni ta' manteniment tajjeb fir-rigward tas-saħħa tal-pjanti. Art miżmuma fi stat tajjeb ta' kultivazzjoni tfisser art fi stat li 'mingħajr azzjoni preparatorja li tmur lil'hinn mill-metodi u l-makkinarji agrikoli tas-soltu, tkun tista' tintuża għal skop agrikolu matul is-sena kollha.

## 6. Erja li mhijiex eleġibbli għal għajnuna

Il-pagament li jsir taħt l-iskema ta' pagament bażiku jingħata biss fuq art agrikola eleġibbli. Erja mhux eleġibbli ma tkunx ikkunsidrata għall-pagament. L-intitolament għall-pagament ikun allokat fuq l-erja eleġibbli ddikjarata jew dik li tkun l-iżgħar minnhom. Dan jista' jkun riżultat ta' spezzjonijiet li jsiru fuq l-għelieqi rispettivi jew minn ritratti meħudin mill-ajru jew permezz ta' sateliti, u jkun instab li l-erja hija iżgħar minn dik dikjarata. Jista' jkun il-każ ukoll li l-erja li nstabet hija akbar mill-erja ddikjarata, u għaldaqstant tkun meqjusa l-erja dikjarata.

Il-bdiewa huma obbligati li javżaw lill-ARPA dwar kull tibdil fl-użu tal-art li jista' jkun hemm speċjalment meta t-tibdil jirriżulta f'nuqqas jew żieda ta' art eliġibbli. Għelieqi ddikjarati f'isem il-bidwi fis-sistema tal-ARPA ma tagħti l-ebda dritt legali fuq il-proprjetà jew xi dritt ta' passaġġ. Għaldaqstant mhux validu f'każ ta' kontestazzjonijiet fuq titli legali ta' art fil-Qrati ta' Malta. F'każ ta' litigazzjoni bejn terzi persuni fuq dawn l-għelieqi, l-ARPA żżomm id-dritt li tissospendi r-reġistrazzjoni sakemm il-każ ikun solvut kif rikjest bil-liġi.

## 7. Intitolament marbut mal-art

Hemm biss tip wieħed ta' intitolament tal-art li ġie allokat lill-bdiewa fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni fl-2015. Fis-snin ta' wara, intitolamenti ġodda għall-pagamenti jistgħu jiġu allokati biss mir-Riżerva Nazzjonali.

L-intitolamenti għall-ħlas ġew allokati lill-bdiewa kollha li ssottomettew talba għall-ħlas fl-2015 u ssodisfaw l-obbligi mandatorji. Dawn l-intitolamenti huma allokati fuq l-iżgħar bejn l-erja eliġibbli ddikjarata u dik misjuba. Għalhekk, jekk matul l-ispezzjoni fuq il-post (OTS) l-erja tinstab li hija inqas minn dik dikjarata, l-intitolamenti għandhom jiġu allokati fuq iż-żona misjuba. Iżda jekk iż-żona misjuba hi akbar mill-erja ddikjarata, l-erja ddikjarata għandha tintuża għall-allokazzjoni.

Bdiewa li kellhom intitolamenti ta' pagament fl-2014 jew li kellhom attività agrikola attiva fl-2013 irċevew intitolamenti ġodda. Lill-bdiewa li qatt ma kellhom intitolamenti, jiġu allokati intitolamenti mir-Riżerva Nazzjonali.

## 8. Sottomissjoni ta' talbiet sabiex isir trasferiment tal-intitolament tal-ħlas

Waqt perjodu stabbilit mill-ARPA, normalmment minn Lulju sa Settembru ta' kull sena, il-bdiewa jistgħu jissottomettu talbiet sabiex jagħmlu trasferiment ta' intitolamenti. Fil-każ ta' trasferiment ta' intitolamenti minn dawk il-bdiewa li għandhom ir-raba', huwa importanti li wieħed jinnota li jridu

jkunu preżenti l-partijiet involuti sabiex tkun tista' tiġi mimlija sew id-dokumentazzjoni neċessarja. Jekk il-bdiewa huma miżżewġa jkunu jridu l-firma ta' żwieġhom.

L-ARPA hija responsabbli milli tipproċessa dawn it-talbiet u żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifjuta dawn l-istess talbiet.

# 9. Talbiet għall-ħlas

Biex bidwi/raħħal jirċievi għajnuna mill-iskemi tal-pagamenti diretti, irid jissottometti talba għall-ħlas fil-perjodu stabbilit. L-applikant jirċievi t-talba għall-ħlas li tkun mimlija minn qabel, maħruġa fl-IACS fejn fiha jkun hemm l-informazzjoni ddikjarata mill-benefiċjarju u informazzjoni oħra li tkun inġabret mill-ARPA waqt il-proċess tal-iċċekjar u l-kontrolli. Madanakollu l-applikant huwa responsabbli milli jivverifika il-kontenut ta' din it-talba; dan għaliex l-applikant huwa responsabbli min dak li jissotometti fit-talba tal-ħlas tieghu.

Il-ftuħ tal-perjodu għal talbiet tal-ħlas jiġi mħabbar lill-bdiewa mill-ARPA (normalment dan ikun sal-15 ta' Mejju ta' kull sena). Dawn it-talbiet tal-ħlas jintlaqgħu il-*Front Office* tal-ARPA li f'Malta jinsab ġewwa il-Pitkalija, jew dak t'Għawdex li jinsab ġewwa x-Xewkija. Dawn it-talbiet jistgħu jkunu sottomessi wkoll *online*, jew bil-posta.

# 10. Mistoqsijiet komuni u risposti

## 10.1. X'jiġri mit-talba għall-ħlas wara li jitlesta dan il-proċess? (Verifika u kontrolli)

Meta jagħlaq il-perjodu tat-talbiet tal-ħlas, it-talbiet kollha jgħaddu minn numru ta' verifiki amministrattivi. Dak kollu li jista' jkun iċċekkjat permezz ta' kontrolli amministrattivi, ikun ivverifikat. Dan jista' jkun li jwassal għal verifika ma' awtoritajiet kompetenti jew *databases* oħra. Dawn il-kontrolli jassiguraw li wieħed ikun eleġibbli biex japplika.

Ikun hemm numru ta' applikanti li jintgħażlu għall-kontrolli fuq il-post. Dan ifisser li jekk wieħed ikun fil-kampjun magħżul għal dawn il-kontrolli, ikun hemm żjara ta' spettur tal-ARPA fuq l-art in kwistjoni li jivverifika dak kollu ddikjarat fit-talba tal-ħlas. Jekk jinstab li jkun hemm xi irregolarità fi kwalunkwe stadju tal-verifika, l-applikant jiġi mgħarraf u f'ċertu każijiet jiġu imposti multi kif stipulat fir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari ir-Regolament (UE) Nru 640/2014.

## 10.2. X'jiġri jekk wieħed ma jkunx jista jżomm l-impenn li ħa minħabba forza maġġuri?

Forza maġġuri ġeneralment tfisser xi ħaġa jew ċirkostanza li wieħed ma setax jipprevedi u li l-konsegwenzi tagħha ma setgħux ikunu evitati b'azzjoni raġonevoli (skont kif stipulat fir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea), per eżempju l-mewt ta' min jaħdem l-art.

Jekk issir applikazzjoni għall-forza maġġuri u din tkun aċċettata mil-Bord tal-Forza Maġġuri, ma jkun hemm l-ebda konsegwenza serja. Iżda jekk l-applikazzjoni għall-forza maġġuri tkun miċħuda, l-ARPA tista' tiddeċiedi li ma tħallasx jew li tiġbor lura l-flejjes imħallsa bl-interessi.

### 10.3. Kif isir il-ħlas?

Jekk t-talba għall-ħlas tkun eleġibbli, il-fondi jitħallsu mill-ARPA bi trasferiment dirett fil-kont bankarju tal-benefiċjarju, li hu jkun issottometta lill-ARPA.

### 10.4. X'multi/ penali amministrativi hemm jekk jinstab li jkun hemm diskrepanzi, jew nuqqas ta' konformità mar-regolamenti applikabbli għal dawn l-iskemi?

Dawn jiddependu skont in-natura tal-każ u l-skemi affetwati hekk kif stipulat fir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea, iżda l-iktar problemi komuni huma dawn li ġejjin:

#### 10.4.1. Dikjarazzjoni żejda ta' art

Isiru kontrolli biex jiġi vverifikat kemm id-daqs tal-art, kif ukoll it-tip ta' prodotti mkabbra kif iddikjarati minn dak li jkun. Jekk id-daqs jew l-ammont ta' art iddikjarati ma jkunux jikkorispondu mal-ammont u d-daqs misjub, ikunu applikati penalitijiet kif ġej:

Fil-każ tal-Appoġġ Akkopjat Volontarju tat-tadam:

Meta jkun instab li l-erja ddikjarata żejda hija ta' bejn 0% u 3%, il-pagament ikun ikkalkulat fuq l-erja misjuba waqt il-kontroll.

Meta l-erja ddikjarata żejda hija ta' aktar minn 3%, iżda mhux aktar minn 20% il-pagament jinħadem billi d-doppju tad-differenza fid-daqs bejn dik l-art iddikjarata u dik misjuba titnaqqas mill-kalkolu tal-ħlas.

Meta l-erja ddikjarata żejda tkun ta' aktar minn 20% ma jinħareġ l-ebda pagament.

Meta l-erja ddikjarata żejda tkun ta' aktar minn 50% ma jinħareġ l-ebda pagament u tiġi applikata penali amministrattiva ekwivalenti għall- ammont ta' erja ddikjarata żejda.

#### 10.4.2. Fil-każ tal-Iskema tal-Pagament Bażiku u l-Pagament tal-Bdiewa Żgħazagħ

Jekk l-erja ddikjarata hija aktar minn 3% l-erja ddeterminata jew ikbar minn 2 ettari, l-erja ddeterminata trid titnaqqas b'1.5 darbiet l-erja mhux misjuba. Il-penali amministrattiva ma' taqbiżx il-100% tal-ammont iddikjarat.

Jekk il-benefiċjarju instab ħati għall-ewwel darba fuq l-iskema rilevanti, il-penali imposta titnaqqas b'50%.

Jekk benefiċjarju li bbenefika mill-piena mnaqqsa (50%) jinstab li jkollu piena amministrattiva oħra fis-sena ta' wara, ikollu jħallas il-penali sħiħa. Dan iffisser il-ħlas tal-penali mnaqqas fis-sena meta t-tnaqqis ta' 50% ġie applikat flimkien mal-penali ta’ dik is-sena.

### 10.4.3. Fil-każ ta’ Appoġġ Akkoppjat Volontarju (skemi marbuta mal-annimali)

Jekk jinstab li aktar minn 3 annimali mhumiex konformi mar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea l-pagament jiġi mnaqqas billi jinhadem il-persentaġġ ta’ annimali li m’humiex konformi minn l-annimali ddeterminati fuq ir-razett, jekk dan il-persentaġġ:

- ikun anqas minn 10%, jitnaqqas biss dan il-persentaġġ
- ikun bejn 10% u 20%, jitnaqqas id-doppju tal-istess persentaġġ
- ikun iktar minn 20%, ma jitħallas ebda pagament
- ikun aktar minn 50%, ma jithallas ebda pagament u l-applikant jeħel penali amministrattiva

### 10.4.4. Cross Compliance

Il-*CROSS COMPLIANCE* magħmula minn sett ta’ regoli li jridu jiġu mħarsa mill-bdiewa u r-raħħala kollha, irrelevanti jekk japplikawx għas-sussidju tal-Unjoni Ewropea jew le. Dawn is-sett ta’ regoli huma meqjusa bħala kontribut għall-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura permezz ta’ għarfien aħjar dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK).

Il-*CROSS COMPLIANCE* tgħin biex il-PAK issir aktar kompatibbli mal-aspettattivi tas-soċjetà filwaqt li issir aktar konsistenti ma' aspetti politiċi oħra tal-Unjoni Ewropea li jinkludu l-ambjent, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, is-sigurtà tal-ikel, eċċ. Għaldaqstant bdiewa u/jew raħħala huma mistennija li jagħtu s-sehem tagħhom billi jħarsu l-obbligi msemmija fir-Regolamenti Ewropej tal-*Cross Compliance,* regolamenti li bdew japplikaw f’Malta mis-sena 2005.

Dawn ir-regolamenti huma mqassma fuq: l-ambjent, pjanti u saħħa pubblika, ħarsien tal-annimali u diversi fatturi li jolqtu il-pajsaġġi. Dawn jerġgħu jinqasmu f’żewġ tipi:

1. *Rekwiżiti Statutorji ta’ Ġestjoni (*SMRs*)* – Obbligi legali li jikkonċernaw il-ħarsien tal-ambjent, li jinkludu:

    - L-ilma
    - Il-bijodiversità
    - Is-sigurtà tal-ikel
    - L-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-annimali
    - Il-mard tal-annimali

- Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
- Il-benesseri tal-annimali

2. *Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin* (GAEC*)* - standards biex tittejjeb il-kundizzjoni tal-agrikoltura u l-ambjent. Il-bdiewa għandhom l-obbligu li jsegwu standards li jikkonċernaw:

   - L-ilma
   - Il-ħamrija
   - Livell minimu ta' manutenzjoni tal-pajsaġġ

L-unika eżenzjoni mill-penalitajiet tal-*Cross Compliance* tapplika biss għal dawk il-bdiewa u raħħala li japplikaw unikament għall-iskema Bdiewa Żgħar.

Il-PAK attwali, imniedi fl-2014, involva tibdil fil-*Cross Compliance*. Il-Kummisjoni Ewropea rat il-ħtieġa li ssir armonizzazzjoni tal-bażi legali, simplifikazzjoni u aktar konsistenza fl-iskop tar-regolamenti, aktar ħarsien lejn l-ilma tal-pjan minn nitrati eċċessivi applikati fil-ħamrija u użu aktar għaqli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Mill-2007 sal-2014, l-SMRs naqsu minn tmintax (18) għal tlettax (13) u l-istandards tal-GAEC iffukaw aktar fuq l-obbligi msemmijja atar kmieni.

Il-bdiewa u r-raħħala huma obbligati li jżommu numru ta' rekords kull sena għall-iskop tal-*CROSS COMPLIANCE.* Dawn ir-rekords jinkludu:

Għall-bdiewa:

- Immaniġjar Integru tal-Pestiċidi
- Applikazzjoni ta' fertilizzant artifiċjali
- Xiri ta' pestiċidi
- Użu ta' pestiċidi
- Tagħrif dwar l-użu ta' materjal organika
- Tagħrif dwar il-pjan tan-newba
- Xiri u trasport ta' demel
- Manutenzjoni tal-makkinarju

Għar-Raħħala:

- Produzzjoni ta' ġbejniet
- Tindif tal-kamra tal-*cooler* u *milking parlour*
- Temperatura tal-ħalib
- Xiri ta' magħlef
- Xiri ta' ġwież
- Mediċina
- Produzzjoni ta' magħlef
- Kontroll tal-ġrieden u/jew insetti
- Xiri u trasport ta' demel
- Manutenzjoni tal-makkinarju

F'każ li dawn l-obbligi ma jiġux osservati jiġi applikat tnaqqis mill-pagament dovut.

### 10.4.5. Sottomissjoni tard tat-talba għall-ħlas

It-talbiet għall-ħlas għandhom jiġu sottomessi qabel il-15 ta' Mejju, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor mill-ARPA. Wara din il-ġurnata tiġi applikata penali amministrattiva ta' 1% għal kull ġurnata tax-xogħol li tgħaddi. It-talba għall-ħlas ma tkunx tista tintlaqa' wara 25 ġurnata mid-data tal-għeluq tas-sottomissjoni ta' dawn it-talbiet.

### 10.4.6. Penali meta l-applikant ma jiddikjarax l-erja kollha li taqa taħt ir-responsabbiltà tiegħu

Jekk bidwi ma jiddikjarax l-għelieqi kollha relatati maż-żoni msemmija fl-Artikolu 72(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u d-differenza bejn l-erja ddikjarata u dik misjuba tkun ta' aktar minn 3% taż-żona ddikjarata, allura l-bidwi jirċievi penali ta' 3% tnaqqis mill-pagament dovut lilu.

### 10.4.7. Penali marbuta mal-obbligi tal-prattiċi agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent

Għal dawk li japplikaw l-obbligi ta' din l-iskema hekk kif indikat iktar 'il fuq, tapplika sistema ta' penalitajiet jekk l-obbligi msemmija ma jiġux osservati. Għal aktar informazzjoni. wieħed jista' jirreferi għar-Regolament tal-Unjoni Ewropea (EU) Nru 640/2014 (Artikoli 22 -28).

### 10.4.8. X'tista' tagħmel jekk ma taqbilx ma' xi deċiżjoni li tkun ittieħdet fil-konfront tiegħek dwar dawn l-skemi?

Jekk applikant ma jaqbilx ma' xi deċiżjoni li tkun ittieħdet fil-konfront tiegħu f'dak li jirrigwarda l-iskemi li jkun applika għalihom, l-ARPA toffri l-possibbiltà illi dak li jkun joġġezzjona għal din id-deċiżjoni. Tali oġġezzjonijiet jinstemgħu quddiem il-Bord tal-Oġġezzjonijiet u l-applikant ikollu l-opportunità li jiddiskuti u jressaq l-evidenza u l-każ tiegħu quddiem dan il-bord.

## 11. Aktar informazzjoni

Għal aktar informazzjoni dwar waħda mill-iskemi li jaqgħu taħt il-Pagamenti Diretti, wieħed jista' jikkuntattja lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali permezz ta' posta elettronika mibgħuta fuq arpa.mesdc@gov.mt jew billi jċempel fuq 2292 6148 (Malta) jew 2215 6974 (Għawdex).